MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 1004/2009

Peter Magro
vs
Emmanuel Grima

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

1. Illi fil-25 ta' Lulju, 2007 ir-rikorrent kien qasam Valletta Road, Paola u wasal fuq in-naha l-ohra tat-triq meta mid-direzzjoni ta' Paola *centre* giet il-vettura IBE 053 misjuqa mill-intimat Emmanuel Grima li laqat bl-istess vettura lir-rikorrenti;

2. Illi dan l-incident gara tort tal-konvenut minhabba imperizja, negligenza u imprudenza meta

naqas li jzomm il-*proper lookout* rikjesta go triq ewlenija bhala hi dik in kwistjoni;

3. Illi risultat ta' dana l-incident ir-rikorrent safa midrub gravement u sofra disabilita` permanenti oltre li sofra danni ohra ngenti;

4. Illi l-konvenut bl-ebda mod ma ghamel tajjeb ghad-danni minnu kagunati u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara lill-intimat unikament responsabbli ghall-incident stradali i sehh fil-25 ta' Lulju, 2007 go Valletta Road, Paola fejn ittajjar l-attur u ghad-danni li b'risultat ta' l-istess sofra l-attur;

2. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lill-attur dawk l-ammonti kif likwidati u dikjarati bhala dovuti in linea ta' danni kif imfisser.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenut u l-assigurazzjoni tieghu presentata fl-24 ta' Gunju 2009 u l-ittra ufficjali mahrug fil-21 ta' Ottubru, 2009 kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' l-intimat li biha espona:

1. Illi t-talba tar-rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-incident stradali in kwistjoni ma sehhx b'tort ta' l-intimat Emmanuel Grima izda b'tort unikament tar-rikorrent Peter Magro minhabba negligenza u non-

curanza *da parte* l-istess rikorrent, u dan kif jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi subodrinatament u minghjar pregudizzju, ir-rikorrent ghandu jgib prova tad-danni realment subiti minnu;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-intimat.
Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Gie prezentat affidavit ta' Peter Magro fejn semma li qasam Valletta Road u wasal fuq in-naha l-ohra tat-triq, kwazi mal-bankina, meta mid-direzzjoni ta' Paola *centre* giet il-vettura IBE 053 misjuqa mill-intimat Emmanuel Grima li laqatu fuq siequ x-xelugija. Ma ntilifx minn sensih u fatakar li ra *brake marks* wara l-vettura IBE 053 li izda ma tnizzlux fl-iskizz tal-Pulizija. Ma ftakarx li kellem lill-pulizija fuq l-incident hlief l-isptar u ma kienx fuq il-post meta l-pulizija beda jkejjel it-triq u jhejji l-iskizz tieghu. B'rizulta ta' dan l-incident safa midrub gravement u sofra disabilita` permanenti kif jirrizulta minn Dok B, rapport ta' Mr Ray Gatt, oltre danni ohra ingenti li jikkonsistu f'telf ta' paga u *overtime* stante li ma setax imur lura x-xoghol ghal diversi xhur.

In kontro-ezami qal li dakinhar it-triq in kwistjoni ma kenitx traffikuza. Veru li kien hemm vetturi ipparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq ghalkemm it-triq hija wiesa'. Sostna li meta qasam it-triq ma harigx minn bejn zewg vetturi pparkjati. Semma li qabel ma qasam it-triq hares 'il fuq u min-naha ta' isfel ma kien gej hadd u min-naha ta' fuq kien gej Grima u ma ndunax bil-velocita` li kien gej biha. Lil Grima rah l-ewwel darba meta kien gja hareg parti 'l barra fit-triq u kien diga ra li mhux gej hadd min-naha u min-naha l-ohra kien boghod. Meta kien qed jaqsam it-triq kien il-hin kollu ffukat fuq in-naha ta' Grima. Sostna li kien kwazi gja qasam tul tat-triq meta l-intimat laqtu. Meta kien rah gej

ikkalkula li mhux ser jolqtu. Ghalkemm kellu certu velocita` l-intimat naqqas u l-karozza brekjat ma siequ. Semma li kien hemm hoss ta' brejkijiet. Bid-daqqa waqa' ma' l-art. Imbghad gew il-pulizija u haduh bl-ambulanza l-isptar. Meta giet l-ambulanza kien ghadu ma' l-art.

Xehdet Tania Gili, Segretarja ma' Central Cement Limited u b'referenza ghad-Dokument pagna 16 *et seq*, dawn juru l-flus ta' paga u *overtime* li tilef ir-rikorrent kawza ta' l-incident. Dam barra mix-xoghol minn Awissu sa Dicembru. Tilef l-*overtime* li hi hadmitu fuq l-*average* ta' bejn Lulju 2006 sa Lulju 2007. Irreferiet ghal a fol 16 et dwar Dokument FS3. Il-hlas ta' l-*overtime* huwa ta' 186.38 *per month*. Dwar id-*deductions* fuq *injury leave*, dawn normalment jehodhom mid-Dipartiment tal-Gvern.

Xehed P.S. 679 Salvu Camilleri u qal li kien ipprepara d-dokument RAR a *fol* 6 tal-process u ikkonferma li kien ippreparahom hu. Zied li kellu skizz amendat li kien juri wkoll il-*break marks* tat-Toyota IBE-053 u esebixxa l-istess skizz a *fol* 48. Zied li originarjament kien nesa jnizzilhom fl-iskizz. Ikkonferma li l-i*spot of the impact* huwa 103 *metres* mill-*pedestrian crossing*.

In kontro-ezami qal li t-triq hija traffikuza izda hu ma kienx xhud okulari. Ma sabu ebda xhud li ra l-incident. Ra lir-rikorrent jittiehed bl-ambulanza. Il-hin propju ta' l-incident huwa 7.15 a.m.

Rat li fis-16 ta' Dicembru, 2009 gie nominat Mr. Charles Grixti bhala espert ortopediku.

Rat ir-rapport ta' Mr. Charles Grixti li fih ikkonkluda:
"Peter Magro ntlaqat minn karozza fil-25 ta' Ottubru 2007 u sofra ksur fit-'*tibia*' u l-'*fibula*' tax-xellug. Ghal bidu dawn kienu fil-gibs imbaghad kellhom bzonn operazzjoni biex jitwahhlu bi pjanca u viti. Minn dak iz-zmien dan il-ksur ghaqad. Magro ghadu bil-pjanca u viti f'saqajh u sa kemm dawn jibqghu hemm dejjem ikun hemm riskju li jizviluppa nfezzjoni fil-qasba tas-sieq ix-xellugija kemm-il darba jkun hemm baktermia, jigifieri bacteria fid-demm. Minhabba f'hekk hija idejali li l-pjanci u l-viti jitnehhew.

Sa dak iz-zmien minhabba dan ir-riskju ta' infezzjoni Magro jkollu dizabilita` permanenti ta' 10% (ghaxra fil-mija), u li ladarba titnehha l-pjanca u l-viti tonqos ghal 4% (erbgha fil-mija)."

In eskussjoni Mr. Charles Grixti sostna li in principju huma jekk jaghmlu metall, jippruvaw inehhuh. Issa jekk il-pazjenta tkun fuq is-70 sena ma jinsistux. Jekk tkun inqas minn hekk jippruvaw inehhuh minhabba r-riskju ta' infezzjoni fid-demm, jew jekk il-*bacteria* jitla' fid-demm jista' jkun hemm kumplikazzjonijiet kbar specjalment jekk il-pazjent ikun suxxettibbli ghal infezzjoni bhal pazjenti dijabetici. Ghalhekk fil-kaz in ezami hu hass li kien ikun utli li jitnehhewlu l-partjiet tal-metall, specjalment meta tqis li ghad ghandu 48 sena u allura ghadu zghir fl-eta` u hass li l-*pin* ghamel ix-xoghol tieghu u ghandu jitnehha.

Xehed l-intimat Emanuel Grima li semma li fil-gurnata ta' l-incident kien qed isuq Toyota numru IBE-053 niezel in-nizla tal-habs u fil-liwja tal-habs, fejn bil-Malti hemm wiehed ibiegh il-pastizzi, lemah karozza li qeghda n-naha tal-lemin qed tipparkja aktar 'l isfel minn fejn hemm il-*bus stop*, hdejn il-*housing estate* u kif appena qabez iz-*zebra crossing* din il-persuna hareg minnha u qasam it-triq. Cahad li tajjar lil din il-persuna u infatti ma kellu ebda marka fil-karozza tieghu.

Semma li z-*zebra crossing* bejn wiehed u iehor kienet xi 90-100 metru boghod. Ikkonferma l-iskizz a fol 6 tal-process. Hu hareg liberat fil-proceduri kriminali li kien hemm kontra tieghu.

Gie esebit dokument mahrug minn Mr. Ray Gatt li fih semma li ma jaqbilx li r-rikorrent jaghmel interventi ohra f'saqajh sakemm il-*metal work* ma jikkawzalux problemi.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. Fatti fil-qosor:***

Illi l-attur fil-25 ta' Lulju, 2007, wara li pparkja l-vettura tieghu EAP-365 kien qed jaqsam go Valletta Road, Paola, u kien ormai wasal fuq in-naha l-ohra tat-triq, meta mid-direzzjoni ta' Paola Centre giet il-vettura IBE-053 misjuqa mill-intimat Emanuel Grima u ntlaqat bl-istess vettura fuq siequ x-xellugija u b'konsegwenza waqa' fl-art. Illi b'rizultat ta' dana l-incident ir-rikorrent safa midrub gravement u sofra dizabilita` permanenti oltre li sofra danni ohra.

***<u>D2. Responsabbilta` ghall-incident:</u>***

Din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza deciza fl-10 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet **John Ransley *et* vs Edward Restall *et*** qalet:

***"***Dwar il-*pedestrian* jinghad li dan ghandu juza l-massimu prudenza meta jigi biex jaqsam triq. L-artikoli 20 u 21 tal-*Highway Code* jghidu hekk:

"20. *Always use subways, footbridges, pedestrian crossings or central refuges, where provided. Otherwise, cross the road where you have a clear view of the road both ways*.

21. *Before you cross, stop at the kerb, look right, look left, and look right again. Do not cross before the road is clear*."

Il-*pedestrian* suppost li jara vettura gejja ghax din ma taqax mis-sema. Ukoll fattur indikattiv dwar tort ta' *pedestrian* huwa meta jkun ghadu kif nizel il-bankina ghax jekk ikun kwazi qasam it-triq allura id-*driver* ikun kellu possibilta' kbira li jilhaq jarah. Li persuna tintlaqat vicin tal-bankina minn fejn tibda taqsam, hija indikattiva ta' distanza ravvicinata hafna ghall-karozza li ttajjarha. Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fl-ismijiet **Micallef George *nomine* vs Camenzuli Gordon** deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997]."

Fl-istess hin wiehed irid izomm f'mohhu li s-sewwieq irid iqis ic-cirkostanzi kollha ta' l-inhawi fejn ikun, il-konfigurazzjoni tat-triq, id-dawl, l-orjentazzjoni tat-triq max-xemx u l-kundizzjonijiet atmosferici. *Pedestrian*

ghandu dejjem ikun attent meta juza t-triq u jaghmel l-almu tieghu biex jigu evitati incidenti, anke jekk ghandu d-dritt favur tieghu. (Ara **Formosa & Camilleri Ltd. *et noe* v. Joseph Camenzuli**, Prim'Awla 26.4.2001 u **Stefan Bonello v. Carmelo Abela**, Prim'Awla, 21.10.2002).

Fis-sentenza deċiza minn din il-Qorti diversament presjeduta, fit-28 ta' Ġunju, 2001 fl-ismijiet **Joseph Micallef vs. Joseph Sammut** ġie ritenut illi:
'irid jinghad ukoll li l-utent tat-triq u mhux is-sewwieq biss għandu wkoll l-obbliġi tiegħu li jrid josserva sabiex ma joħloqx periklu lill-utenti l-ohra tat-triq u fil-fatt irid jipprova li huwa u (hawnhekk il- Qorti kkwotat il-ġurista eminenti Inġliż Gibb) '*used such care for his own safety as a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances*.'

Sentenza ohra dwar l-obbligi ta' l-utent tat-triq kienet dik fl-ismijiet **Rita Calleja vs Joseph Agius** deċiża minn din il-Qorti, diversament presjeduta fil-5 ta' Ottubru, 1995 fejn inghad:
"Jekk *pedestrian* ikun qiegħed ruħu f'post fejn mhux suppost ikun, id-driver li jkun qiegħed isuq karozza b'mod regolari jsib ruħu f'posizzjoni ta' emergenza subbitaneja minħabba fih, dak id-driver m'għandux jigi tenut ħati ta' sewqan perikoluza u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontingenza."

Fil-kaz in ezami kien hemm *zebra crossing* 103 metru l-boghod mill-i*spot of impact.* Ir-rikorrent għazel li ma jinqediex bl-użu ta' *żebra crossing* izda li jaqsam minn fejn ipparkeggja l-vettura tieghu. Infatti fil-kawza fl-ismijiet **Fava Philip *et* vs Belizzi George** deċiza fit-18 ta' April, 2002 minn din il-Qorti diversament presjeduta ntqal:
"din il-qorti għandha simpatija kbira mal-vittma ta' l-inċident, iżda ma tistax issib tort tal-konvenut għal dak li ġara. Il-konvenut li kien qed isuq *truck* wiesa', kien ghaddej in-naha tiegħu tat-triq bi *speed* li ma jirrizultax li kien eċċessiv. Kienet anżi, Helen Hili, li fil-fehma ta' din l-Qorti, uriet traskuraġni u negliġenza kbira meta qasmet it-triq mhux min fuq *zebra crossing* u meta triq ma kinitx

libera ghal kollox. Hu veru li *pedestrian* ghandu dritt jaqsam it-triq, iżda meta hemm *zebra crossing* ftit il boqgħod għandu jinqeda b'dik il-*crossing* u mhux jaqsam minn band' oħra. Iz-*zebra crossing* kienet biss xi 200 metru 'l boghod minn fejn ġara l-inċident, hi kellha timxi sal-*crossing* u taqsam it-triq minn fuq l-istess *crossing* meta l-karozzi jieqfulha. Dan m'ghamiltux…"

Izda min-naha l-ohra t-triq in kwistjoni hi triq fejn komodament jghaddu zewg vetturi fiz-zewg direzzjonijet u hi triq dritta u b'hekk l-intimat seta' kien obbligat izomm *proper lookout* u jara lir-rikorrent meta kien qed jaqsam din it-triq wiesgha. Messu raha *what was in plain view*.

Dwar l-aspett tal-*proper look out* din il-Qorti kif presjeduta, fil-kawza deciza fit-3 ta' Lulju, 2008 (Citazz. Nru: 1076/05FS) fl-ismijiet **Godfrey Ciangura vs Carmen German** qalet:

*"*Jigi rilevat li sewwieq ikun ikkontribwixxa ghall-incident jekk ma jkunx zamm *"proper lookout"*. Illi persuna tkun ikkontribwiet ghall-incident meta b'negligenza u b'nuqqas ta' *proper look-out* ilwiet ghal triq laterali minghajr ma rravizat bir-reqqa x'kien ghaddej fil-karregjata l-ohra tat-triq. M'hemmx dubju li l-obbligu ta' kull sewwieq huwa li jzomm *proper look-out*.

Fil-fatt fil-kaz **Dr. Louis Bianchi *noe* vs Michelle Cassar**, deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fis-6 ta' Novembru 1998, inghad li:

"tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta' incidenti ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investimenti ta' vetturi, jigifieri…………….b) hu anke dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunikament tissejjah "*a reasonable look-out*" liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragonevolment vizibbli."

Dwar in-nozzjoni tal-*proper lookout* jinghad li fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista** il-Qorti qalet:

Gie appropositu ritenut li hu dover ta' driver 'to see what is in plain view' (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs Jospeh**

**Vella** [10/08/1963] u li 'min ma jarax li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a *proper lookout*' (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs J.M. Laferla** [17/06/1964]). Illi fi **Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co. Ltd** (1968), il-Qrati kienu rritenew illi:

"*Keeping a proper lookout means more than the looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well*."

Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Untours Insurance Agency Limited *pro et noe* vs Etienne Saliba *et*** gew spjegati z-zewg regoli kardinali tas-sewqan, *ossia* li hija regola generali, fi kwestjonijiet ta' stharrig ta' responsabbilita`, li kull sewwieq irid ihares zewg regoli ewlenin, jigifieri li, fl-ewwel lok, dawn ghandhom jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi kollha tal-inhawi fejn ikun (maghduda maghhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-hin u l-kundizzjonijiet atmosferici), u, fit-tieni lok, sewwieq ghandu jzomm attenzjoni (*"proper lookout"*) dwar dak li jkun qieghed issehh fil-qrib jew huwa mistenni li jsehh minnufih.

Is-sewqan ta' l-attur gie mfixkel u mxekkel – bil-konsegwenza ta' impatt – mill-konducent tal-vettura (Carmen German) li kienet gejja fil-karreggjata u mid-direzzjoni opposta ghal dawk ta' l-attur, *stante* li hekk kif avvicinat ruhha fil-prossimita` ta' l-entratura tat-triq laterali, il-konvenuta kisret fuq il-lemin taghha sabiex tidhol fl-imsemmija triq laterali bil-korollarju li nvadiet il-karreggjata li f'dak il-mument tranzitata mill-attur. Il-konvenuta dahlet fil-mutur ta' l-attur u laqtitu bil-parti frontali leminija taghha fuq il-lat centrali lemini tieghu. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-konvenuta ma zammitx *proper look-out*, u ma ratx dak li kien in *plain view* u allura l-manuvra li ghamlet il-konvenuta biex ilwiet fi triq laterali ma kienet xejn hlief il-kawza prossima tal-istess incident li ma tatx cans lill-attur jiehu l-ebda forma ta' *"evasive action."* Il-Qorti ghalhekk, tasal ghall-konkluzjoni li l-htija tal-incident kien tal-

konvenuta minhabba negligenza u nuqqas ta' *proper look-out*, tant li la hi u lanqas l-attur ma kienu jistghu jiehdu azzjoni evaziva biex jevitaw l-incident."

Punti ohra relevanti fil-kaz in ezami huma la l-intimat seta' jara lir-rikorrent mill-boghod ghaliex ma hax il-passi li jieqaf jew li ghall-inqas johrog ghac-centru tat-triq u b'hekk jevita lir-rikorrent? Min-naha l-ohra r-rikorrent li bl-istess mod seta' jara lill-intimat ghaliex ma ghaggilx aktar biex jispicca jaqsam it-triq meta ra l-vettura gejja? Wiehed irid izomm f'mohhu wkoll li r-rikorrent qabel jaqsam kellu jesplora sewwa t-triq u jara jekk kellux zmien bizzejjed biex jaqsam, specjalment meta ma qasamx minn fuq iz-*zebra crossing*. Ukoll ir-rikorrent ma kellu ebda dritt li jikkalkula li l-intimat mhux ser jolqtu meta rah gej. Ukoll, il-*brake marks* ma jurux xi velocita` eccessiva, anqas ghal-lokalita` fejn kien.

Dwar l-aspett ta' htija kontributorja, din il-Qorti sejra tikkwota minn **Buckley, The Modern law of Negligence**: *'Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself'.* (Ara wkoll App, **Camilleri vs Direttur Edukazzjoni** 11/12/2006).

Wara li l-Qorti qieset l-aspetti kollha relevanti, tasal ghall-konkluzjoni li kien hemm htija kontributorja, liema htija ghandha titqies tliet kwarti (3/4) ta' l-intimat u kwart (1/4) tar-rikorrent.

***<u>D3. Lucrum cessans:</u>***

L-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili [Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta] jistipula kif ghandhom jitqiesu d-danni:

"Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf

effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib."

Ghalhekk il-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`, it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali li jinkorri fih id-danneggjat; u dak it-telf ta' qligh futur, ossia *lucrum cessans,* li d-danneggjat ikun prekluz li juzufruwixxi minnu minhabba l-event sinistru kawza ta' l-eghmil dirett tad-danneggjant.

***D4. Multiplier:***

Fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall** - Citazz. Nru.: 154/02FS inghad:

"Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"*chances and changes of life*", b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-*Multiplier* mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Lambert vs Buttigieg** deciza fit-18 ta' April, 1963 kienet qalet:

"f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri fit-3 ta' Dicembru, 2004 intqal:
"Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-'*multiplier*' adottat mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa pjuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f'kawzi ghar-rizarciment ta' danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-'*multiplier*' u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta' telf ta' qligh li dik il-persuna tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta' ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta' '**Buttler vs Heard**' – b'dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala '*lucrum cessans*' - jipprova jimprimi sens ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu."

Il-*multiplier* adoperat varja u kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta' 24 **Gauci**

**vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta' 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta' 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta' 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta' 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta' 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' *Multiplier*. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta' *multiplier* kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta' certu uniformita` f'dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta' *insurance* ikunu jistghu jirreferu ghaliha tkun ta' utilita` kbira. Ghalhekk il-Qorti kif presjeduta sejra tuza c-*chart* hawn taht:

| **Eta` Vittma** | ***Multiplier*** |
|---|---|
| | Massimu |
| 0 - 15 | 35 |
| 16 - 20 | 33 |
| 21 - 25 | 30 |
| 26 - 30 | 27 |
| 31 - 35 | 22 |
| 36 - 40 | 18 |
| 41 - 45 | 14 |

| | |
|---|---|
| 46 - 50 | 11 |
| 51 - 55 | 8 |
| 56 + | 6 |

Wara li l-Qorti qieset dawn il-fatturi, inkluz l-eta` tar-rikorrenti meta sar l-incident – 45 tqis li ghandha tadopera *multiplier* ta’ 14 ghall-kaz in ezami.

***D5. Paga u gholi tal-hajja:***

Irrizulta li r-rikorrent jahdem bhala *Machine Operator* il-Port mal-kumpanija Central Cement Ltd. Huwa jigbor is-siment minn fuq il-vapur u jpoggih fis-*Silo*. Ir-rikorrent ma marx ghax xoghol minn Awwissu sa Dicembru 2007 kif juri Dok E u kif konfermata mix-xhieda ta' Tania Gili fid-9 ta' Frar, 2010. L-FS3 ta’ 2005 juri ammont gross ta' Lm8570 u l-FS3 ta' 2006 juri ammont gross ta' Lm9389.29 u l-FS3 tat-2008 juri ammont gross ta' €20,165. Ghalhekk fil-kaz in ezami ghandna r-rikorrent li kien qed jaqla’ salarju *gross average* ta’ €20,165. Normalment il-paga minima nazzjonali titla’ b’€303.78 kull sena. Dan ifisser li kull sena l-paga kienet ser tizdied b’€303.78 ghal 14-il sena [u jekk wiehed jiehu l-medja, dan ifisser il-medja tas-salarju fid-data ta’ l-incident (€20,165) u dak tal-ahhar salarju (€4,252.92 + €20,165 = €24,417.92) ossia €20,165 + €24,417.92 /2 = €22,291.46] u jwassal ghal €22,291.46.

***D6. Dizabilita`:***

Hawnhekk il-Qorti trid tqis il-persentagg ta’ dizabilita` li ssofri l-vittma bhala konsegwenza ta’ l-incident, b’mod li tqis in-nuqqas fl-*individual industrial efficiency* ta’ l-attur. Infatti, kif gie ritenut f’**Butler vs Heard**:

“Dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta’ inkapacita` f’sens purament mediku, izda l-effett li l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat. Ir-riduzzjoni effettiva tal-qligh tista’ ma tikkorrispondix mal-grad ta’ menomazzjoni fizika tad-danneggjat kalkolat mit-tabib.”

Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Joseph Abela vs Martin Spagnol**, deciza fit-30 ta' Marzu 1993 (1098/89JSP) per Imhallef J. Said Pullicino; u **Xuereb vs Spalding *et***, deciza mill-Prim'Awla, Imhallef J. R. Micallef, fl-10 ta' Lulju 2003, Citazz. Nru. 1857/01JRM, pagna 8 *et*; u tezi "*Quantum of damages in Injury Claims*", Carmel A. Agius – *The method of assessing the degree of the incapacity caused*, pagna 125.

Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Jannar 1973 fil-kawza **Borg *pro et noe* vs Muscat**:
"l-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn"
U ghalhekk il-principju applikabbli huwa *restitutio in integrum*.

Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Debono vs Malta Drydocks** (Cit. Nru. 747/96PS), deciza fis-27 ta' April 2005 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Philip Sciberras, inghad:
"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkustanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' linkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, pero`, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja."

Issa, hu car ukoll li a bazi tal-ligi taghna kwantifikazzjoni tad-danni bil-fors tibqa' f'latudini wiesgha u diskrezzjonali tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm jezistu principji dawn certament ma humiex assoluti (ara f'dan is-sens **Bottone vs Saliba** pagna 9; u **Joseph Borg vs Dr. Arturo Valenzia *nomine***, Prim'Awla, 9 ta' Gunju 1972; u **Bugeja vs Borg**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 11 ta' Mejju 1983).

It-**Torrente** fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Privato*, 11 Ed. pag. 652 jikteb:
"*la valutazione del danno puo` essere particolarmente laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E` giusto, pertanto, che al giudice sia attribuito in materia in quando le parti non riescano a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo*";

*Personal injuries* huma normalment klassifikati fi tliet kategoriji u cioe` :
a) *total wreck cases* fejn tirrizulta inkapacita` kompleta ghax-xoghol (eg. *severe brain injury*),
b) *partial wreck cases* fejn il-persuna kollha tkun affettwata izda b'differenza mill-kategorija precedenti tibqa' l-kapacita` li tahdem u tgawdi l-hajja (eg. *brain injuries resulting in personality change and multiple injuries with grave disfigurement*),
c) telf ta' partijiet specifici tal-gisem.

Inoltre kif intqal fis-sentenza **Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana**, Appell Civili, 15 ta' Jannar 2002:
"Ma hemmx ghalfejn jinghad li d-debilita` permanenti ma kienx necessarju li tkun wahda fizika li timmenoma persuna fil-possibiltajiet tieghu ta' xoghol minhabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setghet ukoll tkun debilita` psikika li timmanifesta ruhha f'kundizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapacita` ghax-xoghol ta' l-individwu... "

Principju iehor ta' importanza kardinali hu dak li hareg minn dak fuq kwotat f'**Butler vs Heard** fejn inghad:
"izda l-effett li l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat."

Huwa logiku li telf ta' subgha ghal persuna normali huwa kaz differenti minn telf tieghu ghal pjanista; bl-istess mod, telf ta' ghajnejn ghal pilota huwa aktar serju ghal skop ta' *lucrum cessans* minn telf f'kaz ta' persuna normali.

Mir-rapport mediku ta' Mr. Charles Grixti jirrizulta li d-dizabilita` prezenti tar-rikorrent sa dak iz-zmien li titnehha l-pjanca u l-viti minhabba r-riskju ta' infezzjoni Magro jkollu dizabilita` permanenti ta' 10% (ghaxra fil-mija), u ladarba titnehha l-pjanca u l-viti tonqos ghal 4% (erbgha fil-mija). Izda l-Qorti ma thossx li tista' timponi fuq ir-rikorrent li ghandu jnehhi l-istess pjanca u viti, specjalment in vista ta' dak li xehed fuqu Mr. Ray Gatt, u ghalhekk sejra tiffissa hi stess, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha, persentagg ta' dizabilita` ta' 7%.

***<u>D7. Lump Sum Payment:</u>***

L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-*lump sum payment* b'ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkunu ghadda zmien qasir mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta' dewmien. Gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza:
"jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-*lump sum deduction*" – **Agius vs Fenech** 29 ta' Ottubru, 2003. "

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% gie mnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-Ott-2003, 5% f'**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f'**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

Izda ghall-kaz in ezami l-incident gara fil-25 ta' Lulju, 2007 u s-sentenza qed tinghata aktar minn hames (5) snin wara. Fil-fehma tal-Qorti jrid ikun hemm <u>tnaqqis ta' 14%.</u>

***<u>D8. Likwidazzjoni ta' l-ammont ta' lucrum cessans:</u>***

Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

I. Il-qligh medju annwali tar-rikorrent [€20,165] inkluz l-gholi tal-hajja jammonta ghal €22,291.46.

II. Irid jitqies *multiplier* ta' 14. Dan igib l-ammont ta' €312,080.44;

III. il-Qorti trid tqis il-grad ta' disabilita` li f'dan il-kaz hu ta' 7% u ghalhekk jammonta ghal €21,845.63;

IV. wara jrid jitnaqqas 14% tal-*lump sum payment* u dan iwassal ghal bilanc ta' €18,787.24;

***D9. Damnum emergens:***

Meta wiehed iqis id-diversi dokumenti esebiti u cioe` r-*road accident report*, Dok A, Dokumenti B u B1 sa 4 ta' Mr. Ray Gatt, l-Ittra Ufficjali Dokument C, l-iSptar Saint James Dokumenti D1 sa D4, telf ta' qligh u *overtime* Dokument E, dan iwassal ghal *Damnum Emergens* ta' €4,027.11.

Dan kollu jista' jigi facilitat permezz ta' uzu ta' "*Excel*" billi tintuza l-formola hawn taht:

| | | |
|---|---|---|
| Basic pay | B | 20165 |
| Multiplier | M | 14 |
| Lump sum payment | L | 14 |
| Dizabilita` | D | 7% |
| Gholi tal-hajja | G | 303.78 |
| Damnum emergens | | 4027.11 |
| Amount due | | €22814.40 |
| Tliet kwarti (3/4) | | €17,110.80 |

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk tichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimat, issib it-talbiet gustifikati u tilqaghhom billi tiddikjara lill-intimat responsabbli ghall-incident stradali i sehh fil-25 ta' Lulju, 2007 go Valletta Road, Paola fejn ittajjar ir-rikorrent u ghad-danni li b'risultat ta' l-istess sofra r-rikorrent, dan dejjem fil-proporzjoni ta' tliet kwarti (3/4).

Tillikwida d-danni fl-ammont ta' €17,110.80.

Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent l-ammont ta' €17,110.80.

Spejjez tliet kwarti (3/4) ghall-intimat u kwart (1/4) ghar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------